



Brussell, 31 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

9361/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0032(COD)

COMPET 358
IND 187
MI 414
RC 32
RECH 260
TELECOM 236
FIN 573
CADREFIN 87
CODEC 761

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.	9177/22
Nru dok. Cion:	6170/22 + ADD 1
Suġġett:	Regolament li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep) <i>Rapport ta' progress</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż rapport ta' progress tal-Presidenza dwar ir-"Regolament li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep)" bil-ħsieb tal-Kunsill Kompetittività tad-9 ta' Ġunju 2022.

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep)

Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-8 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemija hawn fuq għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 114, 173(3) 182(1) u 183 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
2. Il-proposta għal Regolament għandha l-għan li ssaħħaħ il-katina tal-valur tas-semikondutturi Ewropej u li tippermetti l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji tas-semikondutturi u kwantistiċi avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss li ser isaħħu l-kapaċitajiet avvanzati tal-Unjoni għad-disinjar, l-integrazzjoni tas-sistemi u l-produzzjoni taċ-ċipep, u ser jikkontribwixxu għall-ksib tat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika.
3. Il-proposta tal-Kummissjoni hija akkumpanjata mit-tieni abbozz ta' regolament li jemenda r-Regolament 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, l-Att Bażiku Uniku, fir-rigward tal-istabbiliment tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep. Dan l-abbozz ta' Regolament huwa eżaminat separatament mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka.

¹ Dok. 6170/22 + ADD 1.

4. Il-proposta għal Regolament dwar is-semikondutturi mhix akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt. Minflok, fil-11 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppubblikat Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jiġbor fil-qosor l-oġettiv tal-proposta, kif ukoll il-metodi, il-kriterji u l-għażliet ta' politika magħżula mill-Kummissjoni.
5. Il-Kummissjoni ppreżentat l-inizjattiva tagħha taħt affarijiet oħra fil-Kunsill Kompetittività tal-24 ta' Frar 2022.
6. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għadu ma bagħatx l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta.
7. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) għadu ma vvutax dwar ir-rapport tiegħu.
8. Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu adottati fil-laqgħa tal-21 u t-22 ta' Ottubru 2021, issottolinja l-importanza li jsir progress rapidu fuq inizjattivi li jippromwovu l-ħolqien ta' ekosistema Ewropea tal-mikroċipp tal-ogħla livell tul il-katina tal-valur, u t-tiżiħ tar-reżiljenza, inkluż f'termini ta' materja prima, filwaqt li jitqies li dan huwa essenzjali biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet li jfixxlu t-trasformazzjoni diġitali tagħna. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew indika li kien qed jistenna b'interess il-proposta imminenti dwar leġiżlazzjoni Ewropea dwar is-semikondutturi.

II. ĦIDMA MWETTQA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

9. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fid-9 ta' Frar 2022.
10. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir beda jeżamina l-proposta fl-14 ta' Frar 2022 u minn dak iż-żmien kompli l-eżami tiegħu bil-ħsieb li jippreżenta rapport ta' progress dwar il-ħidma tiegħu sa tmiem il-Presidenza.

11. Matul id-disa' laqgħat tiegħu, li saru bejn Frar u Mejju 2022, il-Grupp ta' Ħidma ffoka d-diskussjonijiet tiegħu b'mod partikolari fuq il-prinċipji ewlenin tat-tliet pilastri li jiffurmaw l-istruttura tal-proposta tal-Kummissjoni. L-aspetti baġitarji tħallew barra matul din il-fażi tar-reviżjoni. Is-suġġetti li ġejjin ġew indirizzati b'mod partikolari:
- fil-Pilastru I dwar l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa: l-għanijiet u l-implimentazzjoni tal-inizjattiva, il-konsorzju Ewropew għall-infrastruttura taċ-ċippa elettronika, il-proċedura għall-għażla ta' ċentri ta' kompetenza u l-artikolazzjoni tagħhom mal-bqija tal-ekosistema tas-semikondutturi;
 - fil-Pilastru II dwar is-sigurtà tal-provvista: id-definizzjoni ta' "faċilità li hija l-ewwel tat-tip tagħha", il-proċedura ta' valutazzjoni għall-kisba tal-istatus ta' "faċilità ta' produzzjoni integrata" jew "funderija miftuħa fl-UE", u l-valur miżjud tal-proposta meta mqabbel mal-proċedura eżistenti ta' awtorizzazzjoni tal-ġhajnuna mill-Istat;
 - fil-Pilastru III dwar il-monitoraġġ u r-rispons għall-kriżijiet: il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' twissija bikrija, il-funzjonament tal-istrumenti ta' emerġenza u l-impatt possibbli tagħhom fuq l-attrazzjoni tas-suq uniku;
 - barra minn hekk, ġew eżaminati d-dispożizzjonijiet dwar il-governanza, il-kunfidenzjalità, il-penali u l-komitoloġija, u b'hekk tlestiet l-analiżi tat-test kollu.
12. Abbażi ta' dan, il-Presidenza ġabret il-kummenti bil-miktub mill-Istati Membri dwar l-abbozz ta' Regolament kollu kemm hu. Wara d-diskussjonijiet fil-grupp ta' ħidma u l-analiżi ta' dawn il-kummenti, hija pproponiet kompromess inizjali lill-Istati Membri.
13. Il-Kummissjoni ppreżentat id-dokument ta' ħidma tagħha b'appoġġ għall-proposta għal Regolament fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir fit-12 ta' Mejju 2022. Il-Grupp ta' Ħidma ser ikun jista' jibda l-eżami artikolu b'artikolu ta' dan il-kompromess u jkomplih sa tmiem is-sempju.

14. B'mod parallel, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka ltaqa' ħames darbiet biex jiddiskuti l-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa. Il-Presidenza organizzat ukoll workshop tekniku informali fl-1 ta' April 2022.
15. Fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Mejju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ħa nota tal-abbozz ta' rapport ta' progress (dok. 9177/22) bil-ħsieb li jiġi ppreżentat lill-Kunsill Kompetittività fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022.

III. KWISTJONIJIET POLITIĊI EWLENIN

16. Abbażi tad-diskussjonijiet li saru s'issa fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza nnutat li l-Istati Membri laqgħu l-oġettiv ġenerali tat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi u t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-provvisti industrijali f'dan il-qasam. Madankollu, huma jżommu riżerva ta' skrutinju ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni.
17. L-Istati Membri kkontribwew għal dibattitu kostruttiv dwar il-proposta. F'dan l-isfond, il-punti li ġejjin dehru li kienu l-aktar kwistjonijiet politiċi sensittivi:

a) L-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa

Xi Stati Membri appellaw għal distinzjoni aktar ċara bejn l-oġettivi, il-komponenti u l-azzjonijiet tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa. L-istatus tal-konsorzju għal infrastruttura Ewropea taċ-ċipep seta' jiġi ppreżentat fid-dettall, mingħajr ma ngħatat l-ebda direzzjoni ċara f'dan l-istadju. Fl-aħħar nett, xi Stati Membri talbu kjarifiki dwar il-proċedura għall-għażla taċ-ċentri ta' kompetenza fil-qasam tas-semikondutturi u kif dawn għandhom ikunu marbuta mal-bqija tal-ekosistema.

b) *Il-prinċipju ta' "faċilità li hija l-ewwel tat-tip tagħha"*

L-Istati Membri talbu kjarifiki dwar din il-proposta u dwar id-definizzjoni proposta.

Xi wħud esprimew dubji wkoll dwar il-valur miżjud tal-istatus ta' "faċilità ta' produzzjoni integrata" jew "funderija miftuħa tal-UE". L-involviment tal-Istati Membri fil-proċedura għall-għoti ta' dawn l-istatuses seta' jiġi diskuss ukoll. Xi Stati Membri appellaw għat-tisħiħ tar-rwol tagħhom fil-proċess, filwaqt li enfasizzaw l-importanza li jiġi limitat il-piż amministrattiv, titħares il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni trażmessa, jew li jiġi permess li l-konsorzji japplikaw. Ir-rwol tal-Kummissjoni, tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u l-Istati Membri f'dan il-proċess jibqa' kwistjoni li trid tiġi ċċarata.

Għadd kbir ta' Stati Membri tennew l-importanza li jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern. Huma esprimew ukoll tħassib dwar ir-riskju ta' "tellieqa għas-sussidji".

Fir-rigward tal-perimetru, xi Stati Membri riedu attivitajiet eliġibbli biex ikopru l-katina tal-valur tas-semikondutturi b'mod aktar wiesa'. Xi wħud riedu wkoll li l-abbozz ta' regolament jindirizza l-kwistjoni tal-iżvilupp tal-ġenerazzjoni attwali u t-teknoloġiji aktar maturi taċ-ċipep fl-UE.

c) *Reazzjonijiet għal sitwazzjoni ta' kriżi fis-settur tas-semikondutturi*

L-ewwel skambji dwar dan is-suġġett enfasizzaw il-ħtieġa għal aktar diskussjonijiet sabiex jiġu ċċarati r-rwol u s-setgħa tal-Kummissjoni fil-mekkaniżmu ta' kriżi.

Id-diskussjonijiet issottolinjaw il-ħtieġa li jiġi ċċarat il-funzjonament tal-istrumenti ta' emerġenza, kemm jekk ikun il-mekkaniżmu biex tintalab informazzjoni, tal-ordni ta' prijetà jew tax-xiri konġunt.

Il-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn il-mekkaniżmi ġiet indikata minn diversi Stati Membri. L-Istati Membri appoġġaw ukoll l-introduzzjoni ta' garanziji addizzjonali għan-negożji, u appellaw għal dispożizzjonijiet ta' pprezzar ġust li jkunu limitati fiż-żmien u fl-interess tal-Unjoni. Ħafna Stati Membri appoġġaw il-ħtieġa ta' qafas proporzjonat li jillimita l-intervent fis-suq.

18. Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka enfasizzaw żewġ suġġetti ewlenin għan-negożjati:

- Aspetti finanzjarji: fil-proposta tal-Kummissjoni, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa għal azzjonijiet implimentati permezz tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep tammonta għal EUR 4,175 biljun filwaqt li l-kontribuzzjoni finanzjarja prevista għall-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin kienet ta' EUR 1,800 biljun. Minn naħa, din iż-żieda tqajjem kwistjonijiet ta' riallokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji bejn Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali fil-qafas finanzjarju pluriennali. Min-naħa l-oħra, hija tirrikjedi sforz finanzjarju ġdid mill-Istati Membri u s-sħab privati minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tkopri l-ispejjeż amministrattivi u operattivi tal-Impriża Konġunta dment li dan l-ammont ikun ikkumplementat mill-inqas b'kontribuzzjoni ekwivalenti mill-membri għajr l-Unjoni (il-prinċipju ta' tqabbil).

- Aspetti ta' governanza: b'mod ġenerali, l-azzjonijiet implimentati permezz tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep huma fi tliet kategoriji: (a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni; (b) ir-riċerka u l-innovazzjoni relatati direttament mal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa; (c) ir-riċerka u l-innovazzjoni relatati direttament mat-teknoloġiji diġitali għajr daww imsemmija fl-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa. Fir-rigward tal-adozzjoni tal-programm ta' ħidma mill-Bord ta' Tmexxija, il-proposta tal-Kummissjoni tippredvi li l-Kummissjoni u l-Istati Membri biss għandhom drittijiet tal-vot dwar l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni. Madankollu, il-kwistjoni tad-drittijiet tal-vot tas-sħab privati dwar l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni marbuta direttament mal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa għad trid tiġi eċarata.

19. Għalkemm sar progress sinifikanti, id-diskussjonijiet approfonditi dwar il-kontenut tal-proposta jkomplu f'serje ta' laqgħat ġodda tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabir. Għalhekk, minħabba l-komplessità tal-proposta, iżda wkoll l-importanza tagħha għal ekosistema Ewropea ta' livell għoli li tiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni tas-semikondutturi u tiżviluppa swieq ġodda għal teknoloġiji Ewropej avvanzati, hija meħtieġa aktar ħidma fil-livell tekniku qabel ma l-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni politika, li dan ir-rapport jikkontribwixxi għaliha billi jidentifika l-kwistjonijiet ta' politika ewlenin.
20. Madankollu, il-Presidenza tqis li dan ir-rapport ta' progress jippreżenta sommarju bilanċjat tal-kwistjonijiet politiċi ewlenin identifikati matul l-eżami tal-proposta.

IV. KONKLUŻJONI

21. Il-Kunsill Kompetittività huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress mill-Presidenza.